MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 34/2008

Kawza fil-lista: 5

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta’Frar 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi fil-kawza fl-ismijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti qieghda tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C.

Illi jirrizulta illi t-tfal tal-kontendenti huma llum maggorenni, ossija E F li ghandha tnejn u tletin sena u hija mizzewga u G li ghandu sebgha u ghoxrin sena.

Illi b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Jannar 2008 (Dok. A), l-intimat gie ordnat jivvaka d-dar matrimonjalil li tinsab gewwa Navillus, Flat 4, Triq Lapsi, San Giljan u eventwalment bis-sahha ta' mandat ta' zgumbrament ipprezentat fl-10 ta' April 2008 (mandat nru. 85/08ES) l-intimat ivvaka d-dar matrimonjali fit-23 ta' April 2008 u beda jirresjedi fi proprjeta' ohra tal-kontendenti li tinsab gewwa 189, St. Albert Street, Gzira.

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-istess Artikolu, tordna illi t-talba maghmula mill-attrici ghas-separazzjoni titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-3 ta’ April 2013 li permezz taghha ddikjara illi m’ghandux oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti sabiex it-talba attrici ghas-separazzjoni personali titqies bhala talba ghad-divorzju.

Rat l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**.

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

“(1) Kull parti f’kawża ta’ separazzjoni, tista’ f’kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b’rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f’dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma’ lill-partijiet biex tikkonstata illi l-

kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f’sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta’ xhieda u dokumenti preżentati ma’ kawża ta’ separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta’ divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta’ kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta’ divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.”

Filwaqt li l-konvenut mhux jopponi ghar-rikors in dizamina jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma kollha sodisfatti u ghalhekk it-talba ghall-konverzjoni timmeB li tigi akkolta.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi r-rikors tal-attrici tat-12 ta’ Frar 2013 billi:-

Tilqa’ t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet “A B C vs D C” (Citaz nru 34/08 RGM) ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------